MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 320/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-3 ta’ Ottubru, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-kontendenti iccelebraw iz-zwieg bejniethom fit-8 ta’ Settembru 2004, skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv, illi kopja tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. “A”.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ulterjorment il-kunsens tal-partijiet inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, a tenur ta' l-artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi, ai fini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 19 ta' l-Att Dwar iz-Zwieg ta' l-1975.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-8 ta' Settembru 2004, null u bla effett fil-Ligi, ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghal ragunijiet ohra li jigu trattati waqt l-andament tal-kawza, u taghti dawk il-provvedimenti l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fil-11 ta' Novembru, 2005 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-esponenti jaqbel li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null izda mhux ghar-ragunijiet imputabbli lilu kif qed titlob l-attrici;

2. Illi z-zwieg tal-partijiet huwa null ghal ragunijiet

imputabbli lill-istess attrici u f'dan ir-rigward l-esponenti qed jipprezenta flimkien ma' dan l-att kontro-talba skond il-ligi;

3. Illi ghalhekk l-esponenti m'ghandu jbati ebda spejjez ta' din il-procedura;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut ipprezentata fil-11 ta' Novembru, 2005.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fil-5 ta' Dicembru, 2005 li permezz taghha l-attrici rikonvenzjonata eccepiet:

1. Illi l-eccipjenti taqbel illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-8 ta' Settembru 2004, ghandu jigi dikjarat null u bla effett, pero' ghal tijiet u ragunijiet imputabbli lill-konvenut rikkonvenjent u ghalhekk ma ghandhiex tbati spejjes.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici rikonvenzjonata mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-affidavits tal-attrici u ta' omissis.

Rat l-affidavits tal-konvenut u ta' missieru.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Marzu, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-8 ta' Settembru 2004 a bazi tal-artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut da parti tieghu ppropona kontro-talba fejn qed jitlob l-annullament a tenur tas-sub-incizi imsemmija ukoll izda naturalment ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici.

Kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin "*f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-Ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu, l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju.*" (<u>Anna Tonna vs Alexander Tonna</u> deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'kaz bhal dak odjern fejn il-partijiet it-tnejn qed jitolbu dikjarazzjoni ta' annullament.

L-artikoli citati mill-partijiet jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju

ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta’ xi parti jkun inkiseb b’eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall att taz-zwieg .

Mill-provi mressqa mill-attrici stess jidher li hija zzewget ftit wara li kienet ottjeniiet sentenza ta’ annullament mit-tribunal ekkleskjastiku; infatti s-sentenza inghatat fit-28 ta’ Gunju, 2003. L-attrici kellha storja sfortunata wisq biex ikollha stat mentali sufficjentement san biex tidhol f’relazzjoni li twassal ghal zwieg hieni. Ta’ eta zghira kienet giet abbuzata u jidher mis-sentenza tat-tribunal li zzewget biex tehles mill-ambjent familjari taghha. Jidher car ghall-Qorti wara li semghet lill-attrici tixhed *viva voce* u lix-xhud omissis li kienet segwiet il-partijiet professjonalment wara t-tifrik taz-zwieg li hija kienet ghadha fi stadju li ma jkollhiex relazzjoni bbazata fuq il-fiducja necessarja fiz-zwieg. Is-sentenza in kwistjoni tghid fost affarijiet ohra illi; “*the qualified witnesses, a psychologist who helped petitioner towards the end of the marriage and a priest councellor who also helped the petitioner during cohabitation, confirm the anger, fear and lack of self condifence and self esteem that she was experiencing.*” Il-Qorti ma thossx li ghandha ghalfejn izzid ma’ dan.

Da parti tal-konvenut l-uniku tort li kellu kien li messu induna b’dan kollu u forsi dan ma ghamlux ghaliex kien nieqes minn certa esperjenza tal-hajja. Ghalhekk il-Qorti ssib sostanzjata l-kontro-talba tal-konvenut fis-sens li r-ragunijiet ghall-annullament taz-zwieg huma mputabbli lill-attrici u mhux lill-konvenut ghaliex in-nuqqas ta’ esperjenza wahedha ma taghtix lok ghall-annullament.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad it-talbiet attrici izda tilqa' dawk tal-konvenut u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fit-8 ta' Settmebru 2004; l-ispejjes fic-cirkostanzi ikunu bla taxxa bejn il-kontendenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------